# “Ħares id-direttivi tal-UE dwar in-natura u l-protezzjoni tal-għasafar” – BirdLife Malta lil Bernard Grech

## Delegazzjoni mill-Kunsill ta’ BirdLife Malta tiltaqa’ mal-Kap tal-Oppożizzjoni u tal-PN

“Il-Partit Nazzjonalista għandu jħares l-ispirtu tal-Acquis Communautaire u ma jċedix għall-pressjoni tal-lobby tal-kaċċaturi. Jekk il-PN irid jirrispetta l-opinjoni pubblika ma jistax imur lura mill-impenn li jimplimenta d-direttivi tal-UE dwar il-protezzjoni tan-natura u l-għasafar”.

Hekk sostna l-Kap Eżekuttiv ta’ BirdLife Malta Mark Sultana f’laqgħa li saret ilbieraħ fid-Dar Ċentrali tal-PN mal-Kap tal-Oppożizzjoni u tal-PN Dr Bernard Grech.

Il-Proċeduri ta’ Ksur mibdija riċentement kontra l-Gvern Malti mill-Kummissjoni Ewropea fuq id-derogi kollha tal-kaċċa u l-insib li jinsabu fis-seħħ u l-għoti mhux mistenni tal-imsaġar tal-Miżieb u l-Aħrax lil-lobby tal-kaċċaturi kienu fost it-temi li ġew diskussi waqt il-laqgħa mal-Kap tal-PN li għaliha attendiet delegazzjoni tal-Kunsill ta’ BirdLife Malta.

L-uffiċjali ta’ BirdLife Malta spjegaw l-istruttura tal-organizzazzjoni u x-xogħol varju li twettaq f’diversi oqsma fosthom l-edukazzjoni, il-konservazzjoni, il-bird ringing, it-tmexxija tar-riservi u d-diversi proġetti taħt il-programmi LIFE u Erasmus li tmexxi. Dr Grech kien interessat b’mod partikolari li jsir jaf li BirdLife Malta hija kontributur nett għall-ekonomija Maltija bis-saħħa tal-finanzjament li tattira lejn Malta taħt għadd ta’ proġetti tal-programm LIFE li mexxiet matul is-snin, u anke li tħaddem 20 impjegat.

Dwar il-kaċċa u l-insib, il-Kap Eżekuttiv Mark Sultana spjega s-sitwazzjoni attwali wara t-tneħħija tal-infurzar tal-ħarsien tal-għasafar minn taħt l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u l-ħolqien tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (Wild Birds Regulation Unit, WBRU) li hija mmexxija min-nassaba. Issemmiet ukoll il-mossa tal-Gvern

Laburista – intiża biss biex jirbaħ il-voti – li d-WBRU tiġi trasferita taħt il-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri u anke kif diversi aspetti tat-Trattat innegozjat mal-Unjoni Ewropea qabel is-sħubija ta' Malta fl-UE ġew kontinwament injorati mill-Gvern preżenti, xi ħaġa li wasslet biex tittieħed azzjoni kontra Malta fl-aħħar snin.

Dr Grech kien ippreżentat ukoll bir-riżultati li juru kif is-sena l-oħra kienet sena rekord għall-kaċċa illegali kaġun ta' nuqqas serju ta' infurzar u tal-mod kif il-Gvern dgħajjef il-liġijiet.

Bernard Grech kien akkumpanjat mix-Shadow Minister għall-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima Robert Cutajar u mix-Shadow Minister għall-Agrikoltura, is-Sajd u n-Negozji ż-Żgħar Edwin Vassallo. Id-delegazzjoni ta' BirdLife Malta kienet immexxija mill-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima, is-Segretarju Ġenerali Saviour Balzan u s-CEO Mark Sultana. Attendew ukoll il-membri tal-Kunsill Ray Galea, Kathleen Galea u Denise Casolani, flimkien mal-Communications Manager ta' BirdLife Malta Nathaniel Attard.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti mehmużin:**

- Ritratti mil-laqgħa tal-bieraħ (Ritratti ta' Matthew Tabone)